MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2006

Appell Kriminali Numru. 260/2006

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Patrick Cole**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-kwalita' tieghu ta' direttur u/jew rapprezentant guridiku tas-socjeta' ICT Resource Facilitites Malta Ltd (33975) b'ufficju rregistrat Kbic Ind. Est. Kordin, u/jew bhala l-persuna li kien jirraprezenta lis-socjeta' fuq imsemmija biex b'hekk hu kien responsabbli a bazi tal-art. 46 tal-Att tar-Relazzjonijiet Industrijali ghall-hlasijiet tal-pagi dovuti tal-impjegati tas-socjeta' fuq imsemmija, naqas li**

**jhallas il-pagi kollha sas-26 t'April, 2005 fl-ammont totali ta' LM 22534.28 dovuti lill-ex impjegati tas-socjeta fuq imsemmija u dan skond il-prospett hawn mehmuz u mmarkat bhala dokument "B" fit-tmiem tal-impieg tal-impjegati fis-26 t'April, 2005.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' Gunju, 2006, li biha wara li rat l-artikoli 5, 15 u 45 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjarat l-akkuza preskritta.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-20 ta' Lulju, 2006, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-azzjoni mhix preskritta, ssib htija w tinfliggi l-piena skond il-ligi.

**Fliet l-atti kollha processwali,**

**Rat illi l-aggravju tal-Appellant Avukat Generali jikkonsisti fis-segwenti w cioe' li l-Ewwel Qorti ddikjarat l-azzjoni preskritta peress li l-appellat ma giex notifikat fit-termini. Li pero' dan kien dovut ghall-fatt li l-akkuzat kien qed jinheba kif jirrizulta mill-provi fil-process a fol. 8 . Illi skond l-artikolu 693 (2) tal-Kodici Kriminali, fic-cirkostanzi, ma kienx hemm preskrizzjoni.**

**Rat il-verbal li bih Dr. Toni Abela ghall-appellat, fis-seduta tat-28 ta' Settembru, 2006, eccepixxa n-nullita' tal-appell ghaliex in-Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija ma gietx prezentata in termine u ghaliex ir-rikors tal-appell ma giex ipprezentat u ffirmat mill-Avukat Generali personalment.**

**Rat in-Nota tal-Avukat Generali tat-28 ta' Settembru, 2006 bid-dokumenti annessi maghha;**

**Rat illi fis-seduta tat-12 t' Ottubru, 2006, l-appellat irtira l-eccezzjonijiet tieghu dwar in-nullita' tar-rikors tal-appell;**

**Rat il-fedina penali tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.**

**Semghet ix-xhieda ta' PC 1354 Claudio Coppola fis-seduta tat-12 t' Ottubru, 2006,**

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi mhux qed jigi kontestat li l-appellat kien gie notifikat bil-komparixxi wara li kien skada il-periodu preskrittiv mill-kommissjoni tar-reat li allegatament l-ahhar li kien gie kkunsmat kien fis-26 t' April, 2005. Il-Prosekuzzjoni pero' qed tinvoka l-applikazzjoni tal-artikolu 693 (2) tal-Kodici Kriminali li jghid testwalment li :-**

"Iz-zmien tal-preskrizzjoni jinkiser ukoll bil-mandat ta' l-arrest jew, jekk ma jkunx hemm lok ghall-arrest, bic-citazzjoni, ghalkemm il-mandat ta' l-arrest jew ic-citazzjoni jkunu baqghu bla effett minnhabba li l-imputat jew akkuzat jinheba jew jitlaq minn Malta."

**Issa f' dan il-kaz mill-atti processwali ma jirrizulta b' ebda mod li l-appellat f' dan il-kaz kien inheba jew telaq minn Malta.**

**Mix-xhieda ta'** PC Coppola **quddiem din il-Qorti mbaghad kull ma rrizulta kien is-segwenti. Fit-18 ta' Frar, 2006 , hu kien mar jipprova jinnotifika lill-appellat bejn il-5.15am u 5.30am , gol-indirizz numru 55, Norfolk Street, Sliema. Xi hadd li nesa min hu imma mill-girien tal-appellat kien qallu li l-appellat kien jigi minn Ghawdex. Qalulu ukoll li kellu Flat go Block 7, Sir Gorg Borg Street, Sliema. Hu kien mar hemm ma PS 1373, illum Maggur Micallef dak in-nhar stess u ma sabuhx hemm lill-appellat. Jaf ukoll li dak in-nhar kienet saret *fixed point* mad-dar tieghu imma ma kienx hu li ntbaghat jaghmilha. Ir-riferti mhux hu kien ghamilhom.**

**Lanqas minn din id-depozizzjoni ma jirrizulta b' xi mod li l-appellat kien inheba jew telaq minn Malta. Anki jekk hu minnu li l-appellat kien mar Ghawdex u ma rritornax fil-jum partikolari li marru jfittxuh il-Pulizija, dan mhu xejn stramb, anormali jew li jissuggerixxi jew johloq xi prezunzjoni ta' fatt li nheba. Illum hu risaput li hemm eluf ta' Maltin li ghandhom djar ta' villeggatura f' Ghawdex, li fihom iqattghu zmien konsiderevoli fil-weekends u gieli anki aktar fit-tul. Dan zgur ma jammontax ghal agir ta' wiehed li jinheba' fl-assenza ta' xi prova aktar konkreta w specifika, li f' kull kaz trid issir mill-Prosekuzzjoni.**

**Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta (per V. De Gaetano J.) fl-Appell Kriminali** "Il-Pulizija vs. Joe Scicluna" **( [27.4.2000]; Kollez Vol. LXXXIV , p. iv. p.228), meta cahdet appell tal-Avukat Generali simili, ghall-finijiet tal-artikolu 693 (2) tal-Kodici Kriminali sabiex mandat t' arrest (f' dal-kaz kienet citazzjoni ) ikollu l-effett tal-ksur tal-preskrizzjoni, jrid ikun esegwit posittivament billi l-imputat ikun gie nnotifikat bih, assumendo dejjem li l-imputat ikun baqa' Malta u sakemm ma jigix ippruvat mill-prosekuzzjoni li ma setghetx tinnotifikah ghaliex irrizultalha li kien qed jistahba jew li telaq minn Malta. Mhux bizzejjed ghalhekk li l-prosekuzzjoni tghid u tallega li l-imputat ma setax jigi nnotifikat ghaliex ma nstabx, u dana minghajr lanqas biss almenu tressaq xi prova guramentata biex turi** ghaliex **ma kienx instab. (sottolinear u emfasi ta' din il-Qorti.)**

**Ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali huwa infondat ghax bazat fuq fatti allegati li ma gewx remotament ppruvati quddiem din il-Qorti.**

**Konsegwentement l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------